MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Numru. 524/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Trevor Sammut)**

**v**

**Eugenio Camenzuli iben Domenic u Vincenza nee Micallef imwieled is-Siggiewi nhar it-18 ta' Ottubru, 1958 ta' nazzjonalita' Maltija u li jgib in-numru tal-karta tal-identita' 14359 (M) u li joqghod 29, Triq il-Marokk, Naxxar.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Eugenio Camenzuli li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u cioe fin-Naxxar ghall-habta ta' 16.00 :

(1) ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra l-Pulizija PS 977 Joseph Zammit waqt likien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi u dan ai terminu tal-artikolu 96(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 977 Joseph Zammit waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallihomx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-kapitlu 9 tal-Migijiert ta' Malta.
(3) Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Emma Frendo (ID 511295 (M) minorenni ta' 8 snin u fuq il-persuna ta' Daniel Frendo (ID 136891(M) minorenni ta' 13-il sena kif iccertifikat Dr Christine Ellul MD u dan ta' dannu ai termini tal-artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(4) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
(5) F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan ai termini tal-artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(6) U aktar talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-11 ta' Marzu, 2002 liema sentenza saret definittiva.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni minnu registrata u ghaldaqstant qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 96, 338, 221, 17 tal-Kapitlu 9 u l-artiklu 22 u 23 tal-Kapitlu 446.

In kwantu ghal piena rat l-atti kollha tal-kawza, qieset li l-akkuzat jidher li ghandu relazzjoni tajba mal-minorenni. Rat ukoll il-pre sentencing report u semghet kemm il-

Probation Officer kif ukoll lil Teddy Camilleri ma' l-agenzija Sedqa.

Ghaldaqstant qed izzomm in vigore l-ordni ta' Probation gia moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u dan wara li rat l-artiklu 23 tal-Kapitlu 446.

Ghar-reati in dizamina wara li rat l-imsemmija artikoli, kkonsidrat dak kollu li xehdet il-Probation Officer u l-Councillor u taderixxi ma' l-istess b'dan illi qeghda tqeghdu taht ordni ta' Probation ghal tliet snin mil-llum taht is-segwenti kundizzjonijiet.

Illi huwa ghandu jobdi dawk l-ordnijiet kollha lilu moghtija mill-Probation Officer f'kull zmien matul l-ordni tal-Probation.

Illi huwa ghandu jibqa' jghix fis-segwenti indirizz.

B'dan illi jekk Eugenzio Camenzuli jkun se jibdel l-indirizz tar-residenza tieghu ghandu qabel xejn javza b'dan lill-Probation Officer.

Illi huwa ghandu jsegwi l-programm gia mibdi ma' l-Agenzija Sedqa fil-konfront ta' l-abbuz ta' alkohol. Il-Probation Officer ghandu jassigura illi Camenzuli jzomm il-kuntatt mehtieg mal-Councillor Teddy Camilleri.

Il-Probation Officer ghandu jaghmel rapport bil-miktub ta' l-andament ta' din il-Probation Order lill-Qorti kull tmien gimghat mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------